# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 96

**"Uru ħniena mal-ġenituri tagħkom, u mal-qraba, u mal-orfni, u ma' dawk fil-bżonn, u mal-ġar..."**



Prinċipju Fundamentali | Trattament Ħanin għal Kulħadd | X'inhi l-Imħabba ta' Alla? | L-Użanzi tal-Ilbies

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Prinċipju fundamentali tal-Iżlam

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-qadi tal-umanità huwa prinċipju ewlieni fl-Iżlam, u l-Komunità Ahmadiyya Musulmana tagħti importanza kbira lil dan il-prinċipju. Fil-fatt, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana poġġieh bħala wieħed mill-għaxar kundizzjonijiet biex wieħed jissieħeb mal-Komunità. Huwa ddikjara:

**“Li huwa/hija għandu/għandha jżomm lilu nnifsu medhi bil-qadi tal-kreaturi ta’ Alla għall-ġid tiegħu stess u għandu jħabrek għall-benefiċċju tal-umanità bl-aqwa tal-ħiliet u l-forzi li jkunu ngħataw lilu/lilha minn Alla.”**

Dan jixhed evidentement l-importanza li l-Komunità Ahmadiyya Musulmana tqiegħed fuq il-qadi tal-umanità. Dan l-għerf u l-fehim ġejjin direttament mill-Koran Imqaddes u mill-eżempji tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih.

Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes: “Qimu lil Alla u tqabblu xejn Miegħu, u uru ħniena mal-ġenituri tagħkom, u mal-qraba, u mal-orfni, u ma’ dawk fil-bżonn, u mal-ġar li huwa qarib u mal-ġar li huwa barrani, u mas-sieħeb ta’ ħdejk, u mal-vjaġġatur, u ma’ dawk li jinsabu fl-idejn tal-lemin tagħkom. Tassew, Alla ma jħobbx lil dawk li huma kburin u li jħobbu jiftaħru.” (Il-Koran, 4:37)


## ID-DAWL

DIĊEMBRU 2025 – Numru 96 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


A fundamental tenet of Islam 02
Kind treatment to all 03
What is the love of Allah? 04
Dress manners and customs 05
Serving humanity 06


www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Qoxra:** Ground Picture/Shutterstock.com

# Trattament ħanin għal kulħadd

Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], jispjega dan aktar fid-dettall u jgħid:

F'dan il-vers, Alla l-Omnipotenti jamar biex mhux biss tittrattaw lil ħutkom, lill-maħbubin tagħkom, lil qrabatkom, lil sħabkom, u lill-ġirien tagħkom bil-ħniena, iżda tridu tkunu wkoll ġenerużi magħhom, tgħinuhom jekk huma jkunu fil-bżonn, u tkunu ta' ġid bl-aqwa mod possibbli anki ma' dawk in-nies li intom ma tafux u li m'għandkom l-ebda relazzjoni jew assoċjazzjoni magħhom. U kunu ta' siwi anki ma' dawk li tiltaqgħu magħhom għal waqt qasir. Jekk huma jkollhom bżonn tal-empatija tagħkom jew tal-għajnuna tagħkom u jistgħu jibbenefikaw ruħhom minnkom, mela intom tridu tgħinuhom. Meta tagħmlu dan, toħolqu kultura sabiħa tal-Iżlam.

Kattru l-mogħdrija għall-ħolqien ta' Alla bil-fehim li din hija xi ħaġa akbar minn sempliċement att ħanin; din taqa' fil-kategorija tal-benevolenza. Il-benevolenza tfisser li ma tistenna xejn għall-favuri tiegħek; il-benevolenza ssir mill-bniedem purament għall-pjaċir ta' Alla Omnipotenti.

## L-arroganza hija afflizzjoni

B'dan il-mod, titwaqqaf soċjetà sabiħa fejn ma jkun hemm l-ebda tilwim bejn ir-raġel u l-mara, bejn il-kunjata u l-mara ta' binha, bejn l-aħwa u bejn il-ġirien. Kulħadd jipprova jkun ħanin mal-oħrajn. Kull individwu jipprova jagħti lill-oħrajn id-drittijiet tagħhom bi mħabba u għożża, u jagħmel dan biss biex jikseb l-imħabba ta' Alla. Fis-soċjetà tal-lum, dan huwa żgur aktar urġenti minn qatt qabel. Alla jgħid illi jekk inti ma ssegwix din il-mogħdija, mela allura titqies bħala arroganti. U Alla ma jiħux pjaċir bl-arroganza. L-arroganza tant hija problema li l-ħażen kollu jitnissel minnha… Fil-qosor, din il-kundizzjoni tal-bidu tobbligak li tkun ħanin mal-ħolqien ta' Alla ħalli ssir favorit quddiem Alla l-Omnipotenti u tirċievi l-premjijiet fiż-żewġ dinjiet. Il-ġenerożità li inti turi lejn l-oħrajn għandha tkun motivata minn imħabba sinċiera u mhux biex takkwista rikonoxximent mingħand dawk in-nies li inti tkun għent.

## L-għoti tal-ikel għall-imħabba ta’ Alla

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **“Huma jitimgħu, għall-imħabba Tiegħu (ta’ Alla), lill-fqir, lill-orfni u lill-ħabsi.”** [Il-Koran, 76:9]

Interpretazzjoni waħda ta’ dan hija li minkejja l-ħtiġijiet tagħhom, dawk li jħobbu lil Alla jieħdu ħsieb tal-bżonnijiet tal-oħrajn ħalli jiksbu l-imħabba ta’ Alla Omnipotenti. Huma stess jibqgħu bil-ġuħ, madanakollu jitimgħu lil ħaddieħor. Huma ma jurux xeħħa billi jgħidu li dak li qegħdin jagħtu huwa wkoll meħtieġ biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Minflok, huma jgħinu b’kemm hu possibbli. Huma jwettqu dan biex ikunu tajbin u jiksbu l-approvazzjoni ta’ Alla, u mhux biex jirċievu xi rikonoxximent mingħand l-oħrajn. Huma jagħtu minn dak li jogħġob lilhom jew li jistgħu jużaw huma stess, għax dejjem iżommu f’moħħhom l-istruzzjoni ta’ Alla li inti għandek tagħti għall-imħabba ta’ Alla dak li inti tapprezza għalik innifsek. Huma mhumiex bħal dawk li jgħinu lil min hu fil-bżonn u mbagħad joqogħdu jiftaħru b’li għamlu. (*Shara’t-e-Bait*, p. 149-151)

# X’inhi l-Imħabba ta’ Alla?

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

“L-imħabba mhix qerq jew ritwal, pjuttost hija fakultà qalb il-fakultajiet umani. Ir-realtà tagħha hija li l-qalb togħġobha xi ħaġa u tinġibed lejha. Hekk kif il-kwalitajiet ġenwini ta’ xi ħaġa jiġu fid-dieher meta din tilħaq stat ta’ eċċellenza, hekk ukoll il-każ tal-imħabba. It-teżori tagħha jsiru evidenti meta tilħaq il-quċċata u l-punt saljenti tagħha… Fil-fatt, meta xi ħadd iħobb b’qalbu kollha lil xi ħaddieħor, ikun qisu daħal ġo fih jew ikkonsumah u jkun influwenzat mill-morali u l-manjieri tiegħu. Aktar ma tkun qawwija l-imħabba, aktar ma wieħed ikun miġbud b’mod naturali lejn il-kwalitajiet tal-maħbub tant li wieħed isir kopja tal-persuna maħbuba. Hekk ukoll jiġri meta persuna ssir tħobb lil Alla, hija tikseb id-dawl ta’ Alla b’mod riflessiv b’tali mod li dan ikun jaqbel mas-setgħat tagħha.” (*Nurul Haq*, Parti II, *Ruhani Khazain*, vol. 9, p. 430)

# L-użanzi tal-ilbies

Jingħad li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: Dak li jniżżel id-drapp ta' ma' ġenbejh bi qżież se jsib li Alla mhux se jħares lejh f'Jum il-Ġudizzju. Dwar dan Abu Bakr (wieħed mill-aktar dixxipli leali tal-Profeta) ammetta: Messaġġier ta' Alla, il-biċċa tiegħi abbli tinżel jekk ma niħux ħsiebha. Il-Qaddis Profeta wieġeb: Inti m'intix wieħed minn dawk li se tħalliha tinżel bi qżież. (*Bukhari*)

## It-tiċħid tal-ilbies eleganti minħabba l-umiltà

Jingħad li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: Dak li għandu l-ħila li jilbes ħwejjeġ għonja u jiċċaħħad milli jilbishom minħabba sens ta' umiltà quddiem Alla, dak se jissejjaħ minn Alla f'Jum il-Ġudizzju qabel kulħadd u se jingħata l-opportunità li jilbes minn liema mantelli ta' fidi jippreferi. (*Tirmidhi*)

## Il-moderazzjoni fl-ilbies

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: Alla jifraħ meta jara s-sinjal tal-ġenerożità tiegħu fuq il-qaddej Tiegħu. (*Tirmidhi*)

## It-talb meta nilbsu xi ħaġa ġdida

Abu Said Khudri[ra] jirrakkonta li meta l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien jilbes xi ħaġa ġdida kien isemmiha, pereżempju, turban, jew qmis jew kapott u kien jitlob: Allah, Għalik il-foħrija talli Inti tajthuli biex nilbsu. Nitlob Lilek għat-tajjeb tiegħu u għall-għan ġenwin għalfejn sar, u nfittex il-ħarsien Tiegħek kontra l-ħażen tiegħu u l-għan ħażin għalfejn sar. (*Abu Daud* u *Tirmidhi*)

## Talb għall-kisba tal-imħabba ta' Alla

**"O Alla, nitlob għall-imħabba Tiegħek u għall-imħabba ta' xi ħadd li jħobbok u mġiba bħal din għandha tressaqni lejn l-imħabba Tiegħek. O Alla, agħmel li l-imħabba Tiegħek issir egħżeż għalija aktar minn ruħi u minn familti u minn ġidi u egħżeż mill-ilma kiesaħ."**

# Inservu lil ħutna

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Ahmadiyya hija dejjem ħerqana li tgħin u taqdi lill-umanità bl-akbar dedikazzjoni u kompassjoni. Is-servizz għall-umanità huwa prinċipju ewlieni u fundamentali tal-Iżlam. Fit-twettiq ta' dan id-dmir reliġjuż nobbli, il-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaru diversi djar u xelters u qasmu magħhom il-ħlewwiet tradizzjonali u l-awguri. Fost dawn id-djar u ċentri kien hemm il-Komunità Santa Marija fi ħdan Sedqa Malta, San Blas fi ħdan Caritas Malta, Food Bank Mosta, il-Fondazzjoni Dar Merħba Bik, YMCA Malta, u ċ-Ċentru tal-Familji tal-Immigranti f'Ħal Far.



**Dar Merħba Bik**



**YMCA Malta**



**Caritas Malta**



**KSM Sedqa**

# Il-Festival tal-Ktieb 2025

Bil-grazzja u l-ħniena ta' Alla, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li sar mill-5—9 ta' Novembru 2025 fl-MFCC Ta' Qali.







# Festa ta' Ġenerożità

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod sħiħ fl-attività għall-ġbir ta' fondi organizzata mid-Dar tal-Providenza fl-Ewwel tas-Sena 2026. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana serviet ikel tradizzjonali matul il-ġurnata; u għenet billi wieġbet it-telefonati waqt l-attività li rnexxielha tiġbor somma sabiħa għad-Dar tal-Providenza—dar għall-persuni b'diżabilità.






# It-talbiet għal tletin sena

Qrajt storja li kien hemm persuna ġusta u qaddisa li kuljum kien iqum fl-aħħar parti tal-lejl u kien iqim lil Alla li Jista' Kollox għal żmien twil u kien jitlob u jissupplika lill-Mulej. Kull meta dan l-individwu kien joqgħod għall-qima, kien jisma' leħen ta' anġlu mill-inviżibbli jgħid: "Inti ġejt miċħud u abbandunat; u t-talb u s-supplikazzjonijiet tiegħek kollha ġew miċħuda." F'ċerta okkażjoni, wieħed mid-dixxipli tiegħu li ġie biex joqgħod miegħu għal xi ġranet sema' wkoll dan il-leħen mill-inviżibbli għal tliet iljieli konsekuttivi, u qal lil dan il-bniedem qaddis li: "Issa l-verdett ingħata. X'inhu allura l-użu ta' azzjoni għalxejn? Għaliex tibqa' titlob l-istess, meta tisma' l-istess verdett lejl wara ieħor?"

Ir-raġel qaddis beka ħafna u qal: "Jekk irrid nitlaq lil Alla, fejn iktar għandi mmur? Fejn għandi mmur, m'hemmx bieb ieħor? Ilni nitlob dawn it-talbiet għal dawn l-aħħar tletin sena, u kull lejl tiġi l-istess tweġiba, imma nibqa' nitlob lill-Mulej tiegħi b'paċenzja, perseveranza, imħabba u sinċerità kollha. Xogħolna hu li nitolbu. Huwa l-Mulej, Huwa jagħtina kull meta jrid. Għalhekk, m'għandniex negħjew, imma għandna nżommu jdejna miftuħa quddiem Sidna."

Dawn id-diskussjonijiet kienu għadhom għaddejjin mad-dixxiplu tiegħu, meta nstema' leħen jgħid: "Int ġejt aċċettat. It-talbiet kollha tiegħek ta' dawn l-aħħar tletin sena ġew aċċettati, u x-xewqat kollha tiegħek twettqu."

**"O Alla, ixħet fuqi mħabbtek u l-imħabba ta' dak kollu li jagħmilli l-ġid quddiemek. O Alla! Agħtini dawk l-affarijiet li nħobb li inti tixħet fuqi u agħmel li jkunu mezz biex jinkisbu l-affarijiet favoriti Tiegħek. Għinni biex nitbiegħed minn dawk l-affarijiet li jiena nħobb u minflok ressaqni lejn dawk l-affarijiet li Inti tħobb."**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**